

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/10

tat-2 ta' Diċembru 2021

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-22 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) u l-Protokoll tagħha fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis ta' Oriġini u minn Attivitàjiet Terrestri (Protokoll LBS)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll emendat tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran ("il-Konvenzjoni ta' Barċellona") dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis ta' Oriġini u minn Attivitàjiet Terrestri ("il-Protokoll LBS") għe konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE <sup>(1)</sup> u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 18(2), punt (iii) tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokoll tagħha għandha tadotta emendi għall-annessi tal-Protokoll tal-Konvenzjoni.
- (3) Matul it-22 laqgħa tagħhom mis-7 sal-10 ta' Diċembru 2021, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokoll tagħha huma mistennija jadottaw deċiżjoni ("id-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti") li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll LBS biex jitqiesu l-iżviluppi regolatorji, xjentifiċi u tekniċi relatati ma' sorsi u attivitajiet terrestri li nkisbu fil-livell reġjonali u dinji.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti tikkonċerna l-protezzjoni tal-ambjent, li hija kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 4(2), il-punt (e), tat-Trattat. Id-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti ma taqax f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu huwa kopert mir-regoli tal-Unjoni dwar tali protezzjoni. L-Unjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tagħmel użu mill-possibbiltà li teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mid-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti li fir-rigward tagħha l-kompetenza tagħha għadha ma ġietx eżerċitata internament.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokoll tagħha, billi d-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti tikkonċerna l-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi I, II u IV għall-Protokoll LBS li ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Peress li l-emendi previsti fl-Annessi I, II u IV tal-Protokoll LBS ser jaġġornaw ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran, ser jaffettwaw l-impjenji u l-ambizzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni u ser itejbu l-protezzjoni tal-ambjent, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti,

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE tat-22 ta' Ottubru 1999 fejn ġew aċċettati l-emendi għall-Protokoll dwar il-protezzjoni mit-tniġġis tal-baħar Mediterran minn għejun fuq l-art. (Konvenzjoni ta' Barċellona) (ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fit-22 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barcellona u l-Protokolli tagħha għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Annessi I, II u IV tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis ta' Oriġini u minn Attivitàjiet Terrestri.

*Artikolu 2*

Fid-dawl tal-iżviluppi fit-22 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barcellona u l-Protokolli tagħha, l-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 jista' jiġi maqbul mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, matul laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. VRTOVEC

---